# TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA' MALTA

## Decizjoni Nru. 1/77

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sinjura Stella Bonavia u s-Sinjorini Elizabeth Fiorentino u Catherine Vella
u
PVC Plastics (Malta) Ltd.

Chairman : C.J. Mallia

Data : 14 ta' Settembru 1977

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal mill-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura fit-23 ta' Awissu, 1977. Huwa jirrigwarda t-tkeccija ta s-Sinjuri fuq imsemmija mid-ditta PVC Plastics (Malta) Ltd., tkeccija li l-appellanti jallegaw li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm tlett seduti, li fihom sema' lill-partijiet u x-xhieda taghhom u ezamina d-dokumenti u oggetti ezibiti.

3. Mix-xhieda hareg li f'Mejju, 1976 l-awdituri tad-ditta kienu sabu bolli tan-National Insurance neqsin ghal valur ta' £75. Dan gie meqjus zball zghir u l-kumpanija hallsitha hi. Issemma wkoll nuqqas ta' £112 dovut ghal "under stamping". Dan ukoll ma jidhirx li nghata mportanza. Imbaghad, f'Lulju 1976, it-tlett appellanti, bhala "wage clerks", indunaw li ma kienx hemm bolli u flus bizzejjed biex ikopru l-bolli tan-National Insurance neqsin. Irrapurtaw lis-superjur taghhom, u wara kontroll instab nuqqas ta' bolli li jaqbez il-£5,000.

4. Id-ditta PVC Plastics (Malta) Ltd., bl-ittra taghha tat-30 ta' Lulju 1976, issospendiet it-tlett impjegati

in kwistjoni "forthwith". B'ittra ohra tat-3 ta' Marzu 1977, id-ditta gharrfet lil dawn l-istess impjegati, li wara li ghamlet l-investigazzjoni necessarja, hija kienet iddecidiet li twaqqaf l-impieg taghhom mill-istess data tas-sospensjoni, jigifieri mit-30 ta' Lulju 1976. Ir-raguni ghal din it-tkeccija, skond l-istess ittra, kienet "your negligence in the performance of your duties to the detriment of the company".

5. Mill-kompless tax-xhieda, gie stabbilit

(i) illi d-ditta PVC Plastics (Malta) Ltd. kellha laxkezza fil-kontroll tal-bolli tas-Sigurta' Nazzjonali u tac-cwievet tal-money box,

u

(ii) illi negligenza kien hemm ukoll da parti tat-tlett "wage clerks" li ghamlu dan l-ilment.

6. Izda jibqa' li wiehed jara jekk fic-cirkostanzi kollha din in-negligenza jew traskuragni kienetx gravi jew hafifa. L-ittra tat-tkeccija issemmi "the seriousness of the loss involved." Fuq dan ma hemmx dubbju. Imma dwar is-serjeta' tar-risponsabbilta' individwali t-Tribunal ma jhossx li jista' jiddelibera mhabba l-laxkezza msemmija taht para. 5 (i) hawn fuq, li kienet tipproduci "a diffusion of responsibility". Anke telfa gravi, imxerrda bhala risponsabbilta' fuq hafna nies, tirrendi lil kull wiehed u wahda minnhom risponsabbli ta' ftit. In vista ta' dan, u tac-cirkostanzi kollha li rrizultaw f'din it-telfa mhix zghira ghall-kumpanija, it-Tribunal ma jidhirlux li t-tkeccija ta' dawn it-tlett impjegati kienet gustifikata.

7. Fil-fehma tat-Tribunal, ix-xoghol ta' dawn it-tlett individwi li ressqu dan l-ilment kien jaqa' taht wahda mill-ipotesi li hemm fl-artikolu 33 ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, u ezattament taht dik li ssemmi kariga

ezekuttiva li tinhtieg fiducja specjali fil-persuna li timla dik il-kariga jew fil-hila taghha li taqdi d-dmirijiet taghha. Ghalhekk it-Tribunal huwa prekluz mill-istess artikolu 33 li jordna li dawk li ghamlu dan l-ilment jergghu jigu mpjegati mid-ditta PVC Plastics (Malta) Ltd.

8. Gie kkonstatat illi mit-3 ta' Marzu 1977, meta gie wkoll moghti lura lilhom il-ktieb tax-xoghol, it-tlett appellanti setghu jergghu jimpjegaw ruhhom, kif fil-fatt tnejn minnhom ghamlu.

AWARD

9. Ghalhekk, bis-setgha moghtija lilu taht l-istess artikolu 33 ta' l-Att, it-Tribunal jordna li d-ditta li kienet timpjega thallas lil kull wahda mill-persuni li ghamlu l-ilment, fi zmien 30 gurnata mid-data ta' dan l-award:

(a) il-paga li kull wahda minnhom kellha dritt ghaliha ghall-perijodu mit-30 ta' Lulju 1976 (data tas-sospensjoni), sat-3 ta' Marzu 1977 (data ta' l-ittra li tgharraf it-tkeccija),

u

(b) is-somma ta' £M200 bhala kumpens finali dwar it-tkeccija.

10. It-Tribunal jordna liz-zewg partijiet li jikkonformaw ma' dan l-award skond il-ligi.

(C.J. MALLIA)
Chairman

(S. GRECH)
Segretarju

14 ta' Settembru 1977

em